MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2012

Numru. 988/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Farrugia)**

**vs**

**Francis Baldwin**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Francis Baldwin maghruf bhala Frankie ta' 38 sena, bin John u Victoria nee' Ellul, imwieled Hamrun, nhar it-13 ta' Jannar, 1970, u residenti Flat 4, Tal-Plazz l-Ahmar, Bini tal-Gvern, Blokk E, Santa Venera, numru tal-karta tal-identita' 0124970(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F' dawn il-Gzejjer Maltin matul Novembru, 2006 ;

1. Ikkommetta serq ta' card tal-Bank HSBC mahruga f'isem Emmanuel Borg, ghad-dannu ta' l-istess Emmanuel Borg u tal-Bank HSBC, kartiera u mobile phone tal-marka Nokia liema serq huwa kkwalifikat bix-xorta tal-haga misruqa u bil-hin ;

2. Fl-istess perjodu u cirkostanzi , xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudha b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe' HSBC credit card mahruga f'isem Emmanuel Borg, kartiera, u telefon cellulari ta' l-ghamla Nokia ;

3. B' mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' €23.29 (Lm10) ghad-dannu ta' Emmanuel Borg, HSBC Bank u terzi persuni ohra ;

4. Fl-istess data u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw ;

5. Fl-istess perjodu u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza ;

6. Kkommetta delitt li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza datata 01 ta' Dicembru, 2004 fil-Qorti tal-Magistrati(Malta), mil-Onor. Mag. J.Appap Bologna LL.D.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jekk dan ikun il-kaz.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 14 ta' Ottubru 2008 (esebit *a folio* 12 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-28 ta' Lulju 2010 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finalli maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw serq ta' kartiera, credit card u mobile phone li allegatament sar fit-12 ta' Novembru 2006 minn ward tal-Isptar Monte Carmeli ghad-detriment ta' pazjent fl-istess sptar, certu Emanuel Borg. Mill-provi rrizulta li fit-13 ta' Novembru 2006 il-Pulizija rceviet rapport[1] minghand nurse fl-Isptar Monte Carmeli li pazjent, certu Emanuel Borg, kien sab il-wallet nieqes f'liema wallet kellu credit card, kif ukoll mobile phone. Mill-provi rrizulta li Emanuel Borg fil-fatt ma kienx irraporta li kellu l-wallet, il-card u l-mobile phone neqsin izda kien mar jitlob lin-nurse Emanuel Caruana[2] sabiex ikun jista' jcempel il-bank sabiex iwaqqaf l-uzu tal-Quickcash tieghu ghaliex kien sabha nieqsa u kien l-istess nurse li mbaghad ghamel ir-rapport dwar is-serq tal-wallet, il-card u l-mobile phone. Mill-provi rrizulta li meta l-Pulizija tkellmu mal-Lost and Stolen Cards Section fi hdan l-HSBC gew infurmati li

[1] Inserit a fol. 76 s0 tal-atti processswali.
[2] Traskrizjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 82 sa 84 tal-atti proceswali.

d-debit card in kwistjoni kienet intuzat sabiex jingibdu l-flus mill-ATM ta' Santa Venera fit-13 ta' Novembru 2006 ghall-habta ta' 5.47am fejn l-ewwel kien hemm attentat li jingibdu Lm50, imbaghad Lm25 izda dawn l-attentati ma rnexxewx, u mbaghad ingibdu Lm10. Il-Bank ghadda lil Pulizija ritratt[3] mehud mill-cameras li kien hemm installati fuq l-ATM in kwistjoni fejn kien qed jidher ir-ragel li ghamel l-imsemmija transazjonijiet. Dan ir-ragel li jidher fir-ritratt gie identifikat minn PC 17 Charles Lia, li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-6 ta' Mejju 2011, bhala l-imputat fil-kawza odjerna.

Ikkunsidrat :

Illi l-imputat kemm meta rrilaxxja l-istqarrijiet inseriti a fol. 53 u 71 tal-atti processwali kif ukoll meta ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tad-29 ta' Settembru 2011 dejjem sostna li Emanuel Borg kien tah il-card u kitiblu il-pin number il-gurnata ta' qabel sabiex huwa jigbidlu l-flus u dan peress li huwa (Borg) ma setghax johrog minn Mount Carmel filwaqt li l-imputat seta' johrog. L-imputat spjega li din mhux l-ewwel darba li kien intalab jigbed il-flus kemm minn Borg kif ukoll minn pazjenti ohra u qal li din il-haga kienet issir ta' spiss bejn il-pazjenti fl-Isptar Monte Carmeli. Huwa qal ukoll li meta rritorna lura Mount Carmel ta lura l-card u l-Lm10 li kien gibed lil Borg.

Ikkunsidrat:

Illi l-allegat vittma Emanuel Borg qatt ma xehed f'dawn il-proceduri ghaliex sfortunatament lahaq miet sakemm gew intavolati l-istess proceduri fejn l-imputat jinsab addebitat b'imputazzjonijiet ta' serq, ricettazzjoni, truffa u falsifikazzjoni. Il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa kollha dovuta il-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f'dan il-kaz jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li huwa kien inghata il-card minn Emanuel Borg sabiex jigbidlu il-flus u li huwa fil-fatt kien irritorna lura l-card u l-flus li kien gibed lill-istess Borg. Dan sa certu punt gie korroborat min-nurse Emanuel Caruana li

[3] Inserit a fol. 81 tal-atti processwali

kkonferma li ghalkemm din il-haga ma kinitx permessa kienet il-prassi li certu pazjenti li ma setghux johorgu kienu jaghtu il-card u l-pin number lil pazjenti ohra li setghu johorgu sabiex dawn jigbdulhom il-flus. Irid inoltre jigi rilevat li l-imputat sa mill-bidu nett sostna din il-verzjoni tal-fatti u huwa mal-ewwel ikkonferma li l-persuna li kienet tidher fir-ritratt mehud mill-camera installata fl-ATM kien hu. Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma gabet l-ebda prova ohra li tindika lil hin minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien seraq il-wallet, il-card u l-mobile phone ta' Emanuel Borg u li una volta li jezisti dan id-dubju li l-card setghat inghatat lill-imputat mill-istess Borg sabiex huwa jigbidlu l-flus, dan id-dubju ghandu jimmilita favur l-imputat. Irid fl-ahhar nett jigi rilevat li mill-provi ma rrizultax li l-ufficjali investigati b'xi mod pruvaw jistabilixxu ma Borg jekk dak li sostna l-imputat sa mill-bidu nett kienx minnu o meno.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------